**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 24 ta' Novembru 2021**

Rikors Numru: 239/21 AL

A B

vs

C (C D) B E

(MR Number 1576/1997)

Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrent li permezz tiegħu ppremetta:

1. Illi r-rikorrenti zzewweg lill-intimata fil-hamsa (5) ta' Settembru tas-sena elf disgha mija u sebgha u disghin (1997) fil-knisja ta' San Pawl, il-Belt Valletta (Certifikat taz-zwieg anness u mmarkat Dok. ECI);

2. Illi minn dan iz-zwieg ghandhom zewgt itfal, F li twieled fit-tmintax ta' Settembru (18) tas-sena elfejn (2000), u ghandu ghoxrin (20)

sena, u G twieldet fittnax (12) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tnax (2012) u ghandha tmien (8) snin;

3. Illi l-partijiet separaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali tal-wiehed u ghoxrin (21) ta' Mejju tas-sena 2018 fl-atti tan-Nutar Marilena Cristina (kopja tieghu qed tigi annessa u mmarkata bhala Dok. EC2);

4. Illi l-istess partijiet ilhom ghal aktar minn tlett (3) snin separati de facto u jghixu hajja kompletament indipendenti minn xulxin u m'hemm l-ebda prospett ragionevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom;

5. Illi l-intimat ma ghandux pendenza ta' manteniment ghall-uliedu, kollox imhallas salgurnata tal-prezentata odjerna;

6. Illi r-rikorrenti A B jixtieq jottjeni divorzju u li z-zwieg tal-partijiet jigi mahlul;

7. Illi l-partijiet jissodisfaw il-kriterji imposti mill-artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex iz-zwieg taghhom jigi xolt, u dan in vista tal-fatt li fid-data li bdew dawn il-proceduri, l-partijiet kienu ilhom jghixu separatament minn xulxin ghal perjodu t'aktar minn sena mis-sentejn fis-snin precedenti.

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tordna li z-zwieg kuntratat bejn ir-rikorrenti u l-intimata C B E nhar il-hamsa (5) ta' Settembru tas-sena elf disgha mija sebgha u disghin (1997) filknisja ta' San Pawl, il-Belt Valletta, Malta, jigi mahlul;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi imien iffissat minn din il-Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimata a fol 24a li permezz tagħha esponiet:

1. Illi l-esponenti tikkonferma li l-kontendenti zzewwgu fil-5 ta' Settembru, 1997 u sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ippubblikat fl-atti tan-Nutar Dr. Marilena Cristina tal-21 ta' Mejju, 2018.

2. Illi l-esponenti tikkonferma li l-kontendenti ilhom separati ghal aktar minn sena.

3. Illi m'hemmx kwistjonijiet pendenti bejniethom dwar manteniment u m'hemmx tama ghal rikonciljazzjoni.

4. Illi flimkien ma' din ir-risposta, l-esponenti qed tipprezenta l-affidavit taghha in sostenn tal-premess (Dok. ECB 1).

5. Illi l-esponenti tecepixxi li hija tixtieq li tibqa' maghrufa bil-kunjom B E.

6. Illi ghalhekk l-esponenti tissottometti li filwaqt li hija m'ghandiex oggezzjoni li jigi ppronunzjat id-divorzju bejn il-kontendenti, b'dan li hija tibqa' maghrufa bil-kunjom ‘B E" u li l-ispejjez kollha ghal tali procedura ghandhom jigu ssoportati mir-rikorrenti.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Rat l-affidavit bix-xieda tar-rikorrenti;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tal-15 ta’ Lulju, 2021;

Rat ir-risposta tal-intimata;

Rat ukoll l-affidavit bix-xiehda tal-intimata;

Rat illi l-intimata tixtieq li  tibqa` maghrufa bil-kunjom “B E” u ghaldaqstant il-Qorti qeghda tawtorizza lill-intimata biex tibqa` maghrufa bil-kunjom “B E”;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-21 ta' Mejju, 2018;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.